MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 263/2007

Ludovic Axiaq u martu Claudia Axiaq f'isimhom personali u in rapprezentanza ta' binhom minuri Etienne Axiaq u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2007 gew nominati kuraturi ***ad litem*** sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Etienne Axiaq
vs
Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti Ludovic u Claudia konjugi Axiaq li bih esponew:

1. Illi l-attur rikorrenti Ludovic Axiaq twieled fil-5 ta' April 1974; illi fic-certifikat tat-twelid tieghu, bin-numru ta' referenza 2051/1974 isem r-rikorrenti gie mnizzel bhala "Ludovic Axiaq" minflok "Ludvic" Axiak, kif fil-fatt huwa

maghruf u msejjah, u dan kif ser jirrizulta u jigi ppruvat fil-mori u waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

2. Illi oltre dan, il-kunjom tal-genituri tar-rikorrenti, u cioe` Carmelo Axiak u Maria Axiak nee Farrugia, fl-atti civili rispettivi taghhom, il-kunjom taghhom huwa mnizzel bhala "Axiak" u mhux "Axiaq", kif effettivament tnizzel fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti.

3. Illi minkejja li kunjom missier u omm r-rikorrenti huwa "Axiak", u dan kif jirrizulta mill-atti civili taghhom, fl-att tat-twelid tar-rikorrenti l-kunjom tieghu tnizzel bhala "Axiaq".

4. Illi minhabba li l-kunjom tar-rikorrenti fic-certifikat tat-twelid tieghu tnizzel bhala "Axiaq", meta hu inghaqad fiz-zwieg ma' Claudia Sultana, hi nghatat ukoll il-kunjom "Axiaq" u mhux "Axiak", kif ifl-fatt huwa kunjom r-rikorrenti.

5. Illi mill-ghaqda bejn ir-rikorrenti twieled tifel, il-minuri Etienne, li twieled fil-21 ta' Gunju 2003. Illi wkoll inghata l-kunjom "Axiaq" per konsegwenza tal-fatt illi l-kunjom tar-rikorrenti fic-certifikat tat-twelid tieghu stess tnizzel bhala "Axiaq" u mhux "Axiak".

6. Illi r-rikorrenti jridu illi fuq l-atti civili kollha taghhom, fejn applikabbli, u fuq dak tat-twelid ta' binhom, huma jkun rregistrati bil-kunjom "Axiak" u mhux "Axiaq", oltre illi isem l-attur rikorrenti fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu ghandu jkun rregistrat bhala "Ludvic" u mhux "Ludovic", u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

7. Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-atti civili tar-rikorrenti u ta' binhom minuri, fejn applikabbli.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara illi isem l-attur rikorrenti huwa "Ludiv" u mhux "Ludovic" kif hemm imnizzel fic-certifikat

tat-twelid tieghu numru 2051/1974, u fl-atti civili sussegwenti.

2. Tiddikjara illi kunjom r-rikorrenti huwa “Axiak” u mhux “Axiaq” kif hemm imnizzel fl-istess certifikat tat-twelid tieghu, u fl-atti civili sussegwenti, fosthom fic-certifikat taz-zwieg tieghu mar-rikorrenti Claudia Sultana, bin-numru 1244/2002.

3. Tiddikjara illi kunjom iben ir-rikorrenti, u cioe` Etienne Axiaq, huwa “Axiak” u mhux “Axiaq” kif hemm imnizzel fic-certifikat tat-twelid tieghu numru 2155/2003, u fl-atti civili sussegwenti.

4. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certfikat tat-twelid tar-rikorrenti l-isem u l-kunjom tieghu sabiex il-kliem “Ludovic Axiaq” jigu sostitwiti bil-kliem “Ludvic Axiak”, u f’kull att iehor relattiv u sussegwenti, b’mod partikolari fic-certifikat taz-zwieg tieghu mar-rikorrenti Claudia Sultana.

5. Konsegwentement tordna wkoll illi l-intimat jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta’ iben r-rikorrenti, u cioe` Etienne Axiaq, il-kunjom tieghu sabiex il-kelma “Axiaq” tigi sostitwita bil-kelma “Axiak”, u f’kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti presentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li biha espona:

1. Illi l-intimat mhux edott mill-fatti kif dedotti u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar il-meritu a savju gudizzju ta’ din l-Qorti.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suepost, fir-rigward tat-talbiet li jirrigwardjaw l-Att tat-

Twelid li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2051 tas-sena 1974, jehtieg li r-rikorrenti jitlobu ukoll li ssir korrezzjoni fil-kolonna li tindika fuq l-Att id-dettalji tal-kunjom tal-missier tat-tarbija u fil-kolonna li tindika d-dettalji tal-kunjom tan-nannu patern tat-tarbija. Jehtieg ukoll li fir-rigward tat-talbiet li jikkoncernaw l-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1244 tas-sena 2002 jehtieg li r-rikorrenti jitolbu li ssir korezzjoni fil-kolonna li tindika d-dettalji tal-missier tar-ragel mizzewweg. Inoltre, fir-rigward tat-talbiet li jirrigwardjaw l-Att tat-Twelid tal-minuri Etienne li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2155 tas-sena 2003 jehtieg li r-rikorrenti jitolbu korrezzjoni fil-kolonna li tindika d-dettalji tal-missier tat-tarbija, fil-kolonna li tindika d-dettalji ta' omm it-tarbija u fil-kolonna li tindika d-dettalji tal-missier tan-nannu patern tat-tarbija.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju wkoll, l-intimat jirrileva li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li m'ghandux ibati l-ispejjez ta' l-istanti stante illi d-dikjarant fuq Att ta' l-Istat Civili huwa obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li jiddikjara u jiffirma ghaliha hija korretta.

4. Illi ghandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti presentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat il-kopja tal-gazzetta tal-Gvern, tal-20 ta' Marzu 2007 bil-pubblikazzjoni mitluba mill-Ligi skond il-Kap 16. tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 254.

Rat in-nota tas-27 ta' Settembru, 2007 tar-rikorrenti li permezz taghha ddikjaraw id-dettalji rikjesti, in adempiment mal-ordni tal-Qorti tal-20 ta' Gunju, 2007.

- Att tat-Twelid No. **2051/1974** – fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom missier l-attur, u cioe' "Carmelo Axiaq", dan ghandu jaqra bhala "Carmelo Axiak", filwaqt illi fl-istess att fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom in-nannu patern tal-attur, u cioe' "Fortunato Axiak", dan ghandu jaqra bhala "Fortunato Axiak".

- Att taz-Zwieg No. **1244/2002** – fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom missier l-attur, u cioe' "Carmelo Axiaq", dan ghandu jaqra "Carmelo Axiak".

- Att tat-Twelid No. **2155/2003** – fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom l-attur, u cioe' "Ludovic Axiaq", dan ghandu jaqra "Ludvic Axiak", filwaqt illi fl-istess att fil-kolonna li fiha hemm indikat l-isem u kunjom l-attrici, u cioe' "Claudia Axiaq", dan ghandu jaqra "Claudia Axiak", u fl-istess att fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom in-nannu patern tat-tarbija, u cioe' "Carmelo Axiaq", dan ghandu jaqra "Carmelo Axiak".

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Illi t-talbiet kif inhuma jidhru gustifikati, il-fatti gew kkonfermati bil-gurament mir-rikorrenti Ludovic Axiaq fir-rikors guramentat u bl-ebda mod kontestati. L-eccezzjonijiet relattivi ghat-tieni eccezzjoni gew korretti permezz tan-nota tas-27 ta' Settembru, 2007 a fol 39 tal-process. Dwar l-aspett ta' l-ispejjez huwa rilevanti dak li gie sottomess fit-tielet eccezzjoni.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghal dawn il-motivi peress li t-talba tidher gustifikata tilqaghha u tiddikjara illi isem l-attur rikorrenti huwa “Ludiv” u mhux “Ludovic” kif hemm imnizzel fic-certifikat tat-twelid tieghu numru 2051/1974, u fl-atti civili sussegwenti.

Tiddikjara illi kunjom r-rikorrenti huwa “Axiak” u mhux “Axiaq” kif hemm imnizzel fl-istess certifikat tat-twelid tieghu, u fl-atti civili sussegwenti, fosthom fic-certifikat taz-zwieg tieghu mar-rikorrenti Claudia Sultana, bin-numru 1244/2002.

Tiddikjara illi kunjom iben ir-rikorrenti, u cioe` Etienne Axiaq, huwa “Axiak” u mhux “Axiaq” kif hemm imnizzel fic-certifikat tat-twelid tieghu numru 2155/2003, u fl-atti civili sussegwenti.

Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certfikat tat-twelid tar-rikorrenti l-isem u l-kunjom tieghu sabiex il-kliem “Ludovic Axiaq” jigu sostitwiti bil-kliem “Ludvic Axiak”, u f’kull att iehor relattiv u sussegwenti, b’mod partikolari fic-certifikat taz-zwieg tieghu mar-rikorrenti Claudia Sultana.

Konsegwentement tordna wkoll illi l-intimat jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta’ iben r-rikorrenti, u cioe` Etienne Axiaq, il-kunjom tieghu sabiex il-kelma “Axiaq” tigi sostitwita bil-kelma “Axiak”, u f’kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Illi fl-Att tat-Twelid No. **2051/1974** – fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom missier l-attur, u cioe’ “Carmelo Axiaq”, dan ghandu jaqra bhala “Carmelo Axiak”, filwaqt illi fl-istess att fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom in-nannu patern tal-attur, u cioe’ “Fortunato Axiak”, dan ghandu jaqra bhala “Fortunato Axiak”.

Illi fl-Att taz-Zwieg No. **1244/2002** – fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom missier l-attur, u cioe’ “Carmelo Axiaq”, dan ghandu jaqra “Carmelo Axiak”.

Illi fl-Att tat-Twelid No. **2155/2003** – fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom l-attur, u cioe' "Ludovic Axiaq", dan ghandu jaqra "Ludvic Axiak", filwaqt illi fl-istess att fil-kolonna li fiha hemm indikat l-isem u kunjom l-attrici, u cioe' "Claudia Axiaq", dan ghandu jaqra "Claudia Axiak", u fl-istess att fil-kolonna li fiha hemm indikat isem u kunjom in-nannu patern tat-tarbija, u cioe' "Carmelo Axiaq", dan ghandu jaqra "Carmelo Axiak".

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------